MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Numru. 236/2001

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA MAMO
VS
DEBORAH FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Deborah Farrugia ta' 16 il-sena, bint missier mhux maghruf u Dorothy Farrugia, imwielda Pieta fid-29 ta' Gunju 1984 u residenti Ent E, Flat7, Triq il-Konti G A Ciantar, Binja Vista, Sta Venera detentur tal-karta tal-identita bin-numru 346284M talli f'dawn il-gzejjer, u cioe fl-10 t'April 2001, u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
Minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtrat jew irceviet minghand xi persuna, jew kellha fil-kustodja jew pussess taghha, biljetti tal-flus falsifikati li kienet taf li l-istess huma falsifikati li kienet taf li

l-istess huma falsifikati u cioe instab li kellha fil-pussess taghha tlett biljetti tal-flus tal-hames liri maltin falsifikati, liema biljetti tal-flus hi taf li huma falsifikati dan bi ksur tal-artikolu 46 tal-kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli saret ricediva b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 29 ta' Marzu 2001 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputata.

Rat il-verbal tad-29 t'Ottubru 2002 fejn l-imputata ma sabitx oggezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-26 t'Ottubru 2001 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 46 tal-kap 204, 49 u 50 tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 u tqieghed lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn taht il-probation officer Carmen Nygaard.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------